# 1. Ejjew Nidħku Ftit Ieħor

Tinn tinn – tinn tinn; sa jibda x-show, sa jibda;
ħames xelini huwa l-prezz tad-dħul:
Anton ser jerġa' jidher: din id-darba
mhux liebes t'Arlekkin, b'wiċċu mibdul,

B'xagħru mqanfed, miżbugħ, iżda kif jimxi
ġo Kingsway – meta m'hemmx xi traffic jam, -
bl-ilbies minn ta' kull jum, bid-daħka f'wiċċu,
"Ejjew nidħku ftit ieħor" il-programm.

Ħa nidħku, ħbieb, ħa nidħku daħka fina
bin-nies u bina, iżda l-aktar bina;
kull tant daħka bħal din, bil-qalb midħuka
sal-vixxri, s'isfel nett, tista' sservina

Aktar minn diskors kbir jew paneġirku,
jew minn lamentazzjoni u eleġija;
in-noti sbieħ ta' daħka fina fina
jogħġbu 'l-widnejn daqs dawk ta' sinfonija.

Kemm huwa aħjar li fis tinfexx tiddieħak
minn flok tiddispra f'nofs l-aqwa traġedja!
Kemm huwa aħjar li, flok ma tibki tidħak,
u ddaħħak lill-oħrajn, tagħmel kummiedja!

Kemm tiswa ċajta u daħka f'wiċċ l-imħallef,
kemm tiswa ċajta ġewwa l-parlament!
kemm hawn erwieħ ifittxu xi tbissima
li ttaffi ftit in-nar tad-dispramenti!

Id-daħk m'huwiex pastas, iżda tifsira
ta' dak li tħoss il-qalb, daqs it-tnehid;
il-biki u d-daħk aħwa, wlied tewmija
tal-qalb li dak li tħoss tixtieq li tgħid.

Aktar mill-biki d-daħk universali:
hu jgħaqqad lill-bnedmin aktar flimkien;
sakemm tidħak in-nies u trid min jidħak,
aktar il-paċI ttul ma' tul iż-żmien.

Nittama tidħku ftit bil-programm tiegħi;
jien ngħid għalija dħakt, fid-daħk intlift;
jekk intom ma tidħkux, jew ta' Frankuni
jien qbadt it-triq, jew intom dik tal-Lift!